MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 32/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Parnis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Parnis talli nhar-il 14 ta' Settembru 2010 u fix-xhur ta' qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Maria Parnis u/jew lil uliedu s-somma ffissata min dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2011 li permezz

taghha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Raymond Parnis hati u kkundannatu xaharejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Raymond Parnis pprezentat fil-25 ta’ Jannar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull htija jew, alternattivament, tirriforma s-sentenza billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha sabitu hati tvajra l-piena nflitta fuqu ghal wahda aktar miti u ghalhekk aktar xierqa fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li f’dan il-kaz ghandu japplika l-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, il-Qorti m’ghandhiex thossha marbuta bil-linja rigida li ttiehdet anke fir-rigward ta’ sitwazzjoni fejn persuna tisfa bla xoghol, u l-imsemmi principju gie applikat fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Gaetano Micallef** deciz fit-12 ta’ Marzu 2009; (2) li huwa bl-ebda mod legali ma jista’ jonora l-obbligi mposti fuqu ghax jinsab bla xoghol u qieghed jghix biss fuq il-beneficcji socjali, u ghalhekk m’ghandux ihallas il-piena ta’ privazzjoni tal-liberta` meta ma jahtix ghall-inadempjenza tieghu. Inoltre huwa qieghed jiehu kull pass possibbli biex, minkejja c-cirkostanzi prekarji tieghu, huwa jara kif ihallas il-manteniment dovut; (3) li, bla pregudizzju u subordinatament ghall-aggravji l-ohra, dan ir-reat kontravvenzjonali ghandu hafna min-natura tad-delitt ghaliex jirrikjedi l-konoxxenza ta’ obbligazzjoni u n-nuqqas

ta' tharis taghha. Ghalhekk galadarba n-nuqqas ta' adempiment huwa kagunat minn sitwazzjoni li m'ghandux kontroll fuqha, ma jistax jinstab kriminalment responsabbli; (4) li l-piena ma kellhiex tkun dik ta' habs effettiv ghax huwa qieghed jaghmel tentattivi biex jakkwista l-flus mehtieg biex jonora l-obbligu tieghu u dan minkejja l imartu approprjat somom ta' flus li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti li huma ferm akbar mill-ammonti dovuti bhala manteniment.

Issa, mill-provi jirrizulta illi b'digriet ta' l-14 ta' Frar 2008 il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) emendat digriet precedenti tal-5 ta' Frar 2008 fis-sens illi s-somma ta' €30 manteniment huma dovuti fil-gimgha u mhux kull erba' gimghat. Maria Parnis, mart l-appellant, xehdet illi minn dik id-data l-appellant hallas biss ghal perijodu ta' sitt xhur. Da parti tieghu l-appellant xehed illi hu kien jahdem bit-taxi izda t-tag tieghu giet irtirata ghal tliet xhur – mid-dokument a fol. 10 jidher li fil-fatt it-tag giet "irtirata temporanejament". Skond l-appellant, pero`, ghadu sallum minghajr it-tag, u ghalkemm talabha diversi drabi t-twegiba li nghata kienet: "Insiha." Jghid li lanqas *relief* ma hu qieghed jircievi u dan ghax twaqqaflu peress illi ma marx darba ghal appuntament. Huwa waqaf ihallas f'Jannar 2009 meta giet irtirata t-tag. Jghid ukoll li mar jaghmel id-dejn biex joffri somma lil martu izda hi ma accettatx. Maria Parnis fil-fatt tikkonferma li kien ghamlilha offerta ta' €1,400 li ma accettatx. Jghid ukoll li huwa qieghed joffri li jhallas meta jbieghu l-proprjeta`.

Mela, l-appellant jilmenta li mhuwiex jahdem bit-taxi ghax giet irtirata t-tag izda ma jispjegax jekk ghamilx xi sforzi biex isib xoghol alternattiv. Jekk mhuwiex jircievi *relief*, jidher li dan kien dovut ghat-traskuragni tieghu. Imbaghad lanqas ma jghid minn meta beda ma jircevix *relief*. Mix-xiehda tieghu ma jaghtix ad intendere li dan kien ghall-perijodu kollu li ghalih huwa dovut il-manteniment. Huwa pozittiv illi jaghmel offerti lil martu, izda jrid jinghad illi quddiem din il-Qorti lanqas ma pprova jaghmel xi offerta simili. U xorta jibqa' l-fatt illi sadattant mhuwiex ihallas il-manteniment. Fil-kawza li jirreferi ghaliha l-appellant fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Gaetano Micallef**, il-fattispecje tal-

kaz kienu ghal kollox differenti u l-principju *nemo ad impossibilia tenetur* li ghalih irreferiet il-Qorti f'dik il-kawza m'ghandux applikabilita` f'din il-kawza.

Imbaghad dwar il-fattur tax-xoghol il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi **"tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment"**. Hu biss wara li dik il--persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. Mill-atti u mix-xiehda ta' l-appellant ma jirrizultax illi huwa adixxa l-Qorti kompetenti biex jigi varjat id-digriet tal-manteniment.

Bhalma qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

Id-digriet ta' l-14 ta' Frar 2008 ghadu vigenti u jrid jigi osservat.

Lanqas ma jiswa l-argument ta' l-appellant li m'ghandux jitqies kriminalment responsabbli ghax l-inadempiment tieghu huwa kkagunat minn sitwazzjoni li m'ghandux kontroll fuqha. Hawn si tratta ta' kontravvenzjoni. L-appellant waqqaf il-pagamenti minghajr ma wera lil din il-Qorti li ghamel kull ma seta' biex jew ihallas jew li jottjeni varjazzjoni tad-digriet tal-manteniment. Ghall-integrazzjoni ta' kontravvenzjoni, ghar-rigur tad-dritt, hu bizzejjed il-fatt materjali, u ghalhekk l-element psikiku hu soddisfatt bis-semplici volontarjeta`. Bhalma ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija v. Anthony Mallia** moghtija fl-24 ta' Frar 1960:

**"Trattandosi ta' kontravvenzjonijiet, hu ormaj pacifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-gurisprudenza li ghall-imputabilita` bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt. Huwa bizzejjed, cioe`, illi l-imputat kien kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali (ara Vol. XXIX.iv.553 u Vol. XXX.iv.539)."**

Din hija precizament il-pozizzjoni fil-kaz odjern.

Nigu issa ghall-piena. L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant xahrejn prigunerija wara li sabitu hati skond l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li hu hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min **"meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma"**. Dan huwa reat ta' natura kontravvenzjonali fejn il-pieni li jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fl-artikolu 7(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` (a) id-detenzjoni, (b) l-ammenda jew (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba. Tista' tigi nflitta piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn xahrejn skond it-tieni *proviso* tal-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 meta l-hati jkun recidiv

f’kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu. L-appellant ma giex akkuzat li hu recidiv. Fil-fatt mill-fedina penali aggornata u mix-xiehda ta’ Maria Parnis jirrizulta li din kienet l-ewwel kwerela li hija ghamlet. Inoltre l-appellant ma giex akkuzat li kkommeta reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx timponi sentenza ta’ prigunerija.

Mehud kollox in konsiderazzjoni din il-Qorti hi tal-fehma li huwa opportun li tittratta ma’ l-appellant skond il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u taghmel ordni ghall-hlas. Minhabba li hemm diskrepanza dwar minn meta huwa dovut il-manteniment, din il-Qorti sejra tikkomputa l-ammont dovut b’effett mill-1 ta’ Jannar 2009 sa l-14 ta’ Settembru 2010, perijodu ta’ 88 gimgha bir-rata ta’ €30 fil-gimgha ekwivalenti ghal €2,640.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahrejn prigunerija u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, taghtih *conditional discharge* ghal tnax-il xahar bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’dak il-perijodu. Inoltre a tenur ta’ l-artikolu 24 ta’ l-istess Kap. 446 tordna li jhallas lil Maria Parnis is-somma ta’ €2,640 bhala kumpens ghall-manteniment minnu dovut ghall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2009 sa l-14 ta’ Settembru 2010 minghajr pregudizzju ghal kull pretenzjoni ulterjuri li jista’ jkollha l-*parte civile*, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti fissret lill-imsemmi Raymond Parnis bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ *conditional discharge* huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------